



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.11.2005
KUMM(2005) 584 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri rigward emendi li jimmodifikaw il-Protokoll li jistipula d-drittijiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju pprovduti fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Dan l-abbozz għandu l-għan li jemenda l-Protokoll eżistenti anness mal-Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja.

Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-grupp ta' ħidma tekniku li laqqa' flimkien ir-rappreżentanti ta' l-amministrazzjoni tal-Mawritanja u tal-Komunità Ewropea, liema laqgħat tekniċi seħħu mit-30 ta' Ġunju sat-2 ta' Lulju u mill-14 sal-15 ta' Lulju f'Nouakchott, kif ukoll mis-7 sa l-10 ta' Settembru 2004 fi Brussell, u fid-dawl ta' l-opinjoni jiet xjentifiċi disponibbli, fil-Kummissjoni mħallta ta' l-10 ta' Settembru 2004 fi Brussell, iż-żewġ partijiet waslu għall-konklużjoni li jaqblu li jieħdu ċertu numru ta' miżuri fir-rigward tal-ġestjoni ta' l-attività tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva tal-Mawritanja.

Il-Ftehim dwar l-emendi li jimmodifikaw dan il-Protokoll kien ifformalizzat minn skambju ta' ittri.

Il-miżuri msemmija hawn fuq għandhom l-għan li jnaqqsu r-rata ta' qbid taċ-ċefalopodi bit-tnaqqis ta' l-attività tas-sajd u minn naħa oħra b'żieda ta' l-għadd ta' liċenzji fil-kategorija tal-ħut pelaġiku u tat-tonn. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-flotot li jtajru bandiera ta' l-Istati Membri ġodda u tiġi garantita l-kontinwità ta' l-aċċess ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji li joperaw tradizzjonalment fil-qafas tal-ftehim imsemmi hawn fuq, l-għoti ta' liċenzji għall-kategoriji tal-ħut pelaġiku sejra sseħħ fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-Istati Membri kollha billi jitqiesu l-attivitajiet ta' sajd tradizzjonalment magħmula fil-qafas ta' dan il-ftehim. Meta meħtieġ, il-Kummissjoni se tipproponi t-tqassim tal-liċenzji għall-kategorija tal-ħut pelaġiku fost l-Istati Membri.

L-iffriżar ta' ħames liċenzji għaċ-ċefalopodi, li diġà kien is-suġġett ta' konsultazzjoni ma' l-Istati Membri minn Marzu 2004, issa huwa kkompensat fil-qafas ta' dan it-titjib bl-għotja ta' dawn il-liċenzji ġodda għas-sajd tal-ħut pelaġiku u jippermetti wkoll li tkun garantita ġestjoni finanzjarja tajba u soda li tippermetti titjib tad-drittijiet ta' sajd skond ir-riżorsi u l-applikazzjonijiet tas-settur. Il-bilanċ il-ġdid li ntlaħaq permezz ta' din ir-rijorganizzazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tar-risultati tan-negozjati ta' l-2001 għall-Protokoll attwali u jirrapreżenta risultat sodisfaċenti ħafna għall-KE f'termini ta' analiżi tan-nefqa u l-benefiċċji.

Il-Kummissjoni tipproponi fuq din il-bażi li l-Kunsill jadotta b'Deċiżjoni l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri, fl-istennija tad-dħul fis-seħħ definittiv tiegħu.

Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri dwar l-emendi li jimmodifikaw il-Protokoll huwa s-suġġett ta' proċedura separata.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri rigward emendi li jimmodifikaw il-Protokoll li jstipula d-drittijiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju pprovduti fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni¹,

Billi:

- (1) Il-Protokoll li jstipula d-drittijiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju pprovduti fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 2001, u dan sal-31 ta' Lulju 2006²;
- (2) Meta jitqiesu l-opinjoni jiet xjentifiċi dwar il-qagħda tar-riżorsi fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Mawritanja u speċjalment ir-riżultati tar-raba' u tal-ħames grupp ta' ħidma ta' l-Istitut tal-Mawritanja għar-Riċerka Oċeanografika u s-Sajd [*Institut Mauritanien de Recherches Océanographiques et des Pêches (IMROP)*] u tal-grupp ta' ħidma xjentifiku konġunt, u meta jitqiesu l-konklużjonijiet li rriżultaw fil-Kummissjoni mħallta ta' l-10 ta' Settembru 2004 u tal-15 u tas-16 ta' Diċembru 2004, iż-żewġ partijiet iddeċidew li jemendaw id-drittijiet attwali ta' sajd.
- (3) Ir-riżultati ta' dawn l-emendi ddaħħlu fl-iskambju ta' ittri u jittrattaw tnaqqis temporanju ta' l-attività tas-sajd għall-kategorija tas-sajd għaċ-ċefalopodi (kategorija 5), l-iffissar tat-tieni perjodu ta' waqfien bijoloġiku ta' xahar għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ, iż-żieda ta' l-għadd ta' bastimenti għall-kategorija tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u bil-konzijiet tal-wiċċ (kategorija 8) u għall-kategorija tas-sajd minn bastimenti tas-sajd għal ħut pelaġiku bil-friża (kategorija 9);
- (4) Sabiex dawn l-emendi li jimmodifikaw id-drittijiet ta' sajd japplikaw mill-iktar fis possibbli, jeħtieġ għalhekk li jiġi ffirmat ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri, suġġett għall-konklużjoni definittiva tiegħu mill-Kunsill;
- (5) Għandu jiġi kkonfermat it-tqassim fost l-Istati Membri tad-drittijiet il-ġodda ta' sajd kif emendati.

¹ ĠU C [...], tal-[...], p. [...].

² ĠU L 341, tat-22.12.2001

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri dwar emendi li jimmodifikaw il-Protokoll li jistipola d-drittijiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju pprovduti fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006 b'dan huwa approvat mill-Kunsill f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri jiġi applikat mill-Komunità b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2005.

Artikolu 4

B'riżultat ta' l-emendi msemmija fl-iskambju ta' ittri, id-drittijiet il-ġodda ta' sajd għall-kategorija tas-sajd "bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u bil-konzijiet tal-wiċċ" (fajl tekniku nru 8 tal-Protokoll) u għall-kategorija tas-sajd "bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku bil-friża" (fajl tekniku nru 9) huma mqassma fost l-Istati Membri kif ġej:

Kategoriji tas-sajd	Stat Membru	Tunnellaġġ/Numru ta' bastimenti li jistgħu jintużaw
Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief	Spanja	20 + 3 = 23
Bastimenti bil-konzijiet tal-wiċċ (bastimenti)	Il-Portugall	3 + 0 = 3
	Franza	8 + 1 = 9
Għall-ħut pelaġiku (bastimenti)		15 + 10 = 25

It-tnaqqis temporanju ta' ħames (5) liċenzji għas-sajd għall-kategorji tas-sajd tal-ċefalopodi jgħodd mill-1 ta' Jannar 2005. Il-mobilitazzjoni fil-ġejjieni ta' dawn il-ħames (5) liċenzji se tiġi deċiża bi qbil komuni fi ħdan kummissjoni mħallta bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Mawritani skond il-qagħda tar-riżorsa.

Jekk il-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-Istati Membri ma jkoprox id-drittijiet ta' sajd iffissati mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tqis l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' Stat Membru ieħor.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

FTEHIM FL-GĦAMLA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Protokoll li jiffissa d-drittijiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju pprovduti fil-Ftehim ta'

Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006.

A. Ittra mill-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Mawritanja

Għażiż Sinjur,

Filwaqt li nirreferi għall-Protokoll, inizjalat fil-31 ta' Lulju 2001, li jiffissa d-drittijiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju pprovduti fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006, u għar-riżultat tal-Kummissjoni mħallta ta' 1-10 ta' Settembru 2004 u tal-15 u tas-16 ta' Diċembru 2004, għandi l-unur ninfurmak li l-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Mawritanja jinsab lest li japplika, skond l-opinjonijiet xjentifiċi, tnaqqis temporanju ta' l-attività ta' sajd għall-kategorija tas-sajd għaċ-ċefalopodi kif stipolata fil-fajl tekniku tas-sajd nru 5 ta' dan il-Protokoll, billi temporanjament inaqqas b'5 liċenzji d-drittijiet ta' sajd fir-rigward tad-drittijiet offruti mill-Protokoll. Il-mobilitazzjoni tal-ġejjieni ta' dawn il-5 liċenzji se tkun deċiża bi qbil komuni skond il-qagħda tar-riżorsa. Il-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Mawritanja se jiddeċiedi wkoll dwar it-tieni perjodu ta' waqfien bijoloġiku ta' xahar għas-sajd tal-ħut tal-qiegħ fuq bażi mhux diskriminatorja. Il-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Mawritanja jimpenja ruħu wkoll għall-applikazzjoni ta' l-emendi magħmula lill-Protokoll għad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' sajd iffissati mill-fajl tekniku tas-sajd nru 8 għall-kategorija tas-sajd għat-tonn bil-qasbiet u għall-iskejjen li jistadu bil-konz tal-wiċċ billi jżid l-għadd ta' bastimenti ta' din il-kategorija minn 31 għal 35 u fil-fajl tekniku tas-sajd nru 9 għall-kategorija tas-sajd tal-bastimenti għat-tkarkir għall-ħut pelaġiku bil-friża billi jżid l-għadd ta' bastimenti ta' din il-kategorija minn 15 għal 25, b'mod provviżorju b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, fl-istennija tad-dħul tiegħu fis-seħħ, sakemm il-Komunità Ewropea tkun disposta tagħmel l-istess.

Nibqa' nafhulek jekk tikkonfermali l-ftehim tal-Komunità Ewropea dwar din l-applikazzjoni provviżorja.

Dejjem tiegħek.

Għall-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Mawritanja

B. Ittra tal-Komunità Ewropea

Għażiż Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid kif ġej:

“Għażiż Sinjur,

Filwaqt li nirreferi għall-Protokoll, inizjalat fil-31 ta' Lulju 2001, li jiffissa d-drittijiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju pprovduti fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni fil-qasam tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006, u għar-riżultat tal-Kummissjoni mħallta ta' l-10 ta' Settembru 2004 u tal-15 u tas-16 ta' Diċembru 2004, għandi l-unur ninfurmak li l-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Mawritanja jinsab lest li japplika, skond l-opinjoni xjentifiċi, tnaqqis temporanju ta' l-attività ta' sajd għall-kategorija tas-sajd għaċ-ċefalopodi kif stipolata fil-fajl tekniku tas-sajd nru 5 ta' dan il-Protokoll, billi temporanjament inaqqas b'5 liċenzji d-drittijiet ta' sajd fir-rigward tad-drittijiet offruti mill-Protokoll. Il-mobilitazzjoni tal-ġejjieni ta' dawn il-5 liċenzji se tkun deċiża bi qbil komuni skond il-qagħda tar-riżorsa. Il-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Mawritanja se jiddeċiedi wkoll dwar it-tieni perjodu ta' waqfien bijoloġiku ta' xahar għas-sajd tal-ħut tal-qiegħ fuq bażi mhux diskriminatorja. Il-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Mawritanja jimpenja ruħu wkoll għall-applikazzjoni ta' l-emendi magħmula lill-Protokoll għad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' sajd iffissati mill-fajl tekniku tas-sajd nru 8 għall-kategorija tas-sajd għat-tonn bil-qasbiet u għall-iskejjen li jistadu bil-konz tal-wiċċ billi jżid l-għadd ta' bastimenti ta' din il-kategorija minn 31 għal 35 u fil-fajl tekniku tas-sajd nru 9 għall-kategorija tas-sajd tal-bastimenti għat-tkarkir għall-ħut pelaġiku bil-friża billi jżid l-għadd ta' bastimenti ta' din il-kategorija minn 15 għal 25, b'mod provviżorju b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, fl-istennija tad-dħul tiegħu fis-seħħ, sakemm il-Komunità Ewropea tkun disposta tagħmel l-istess.

Nibqa' nafhulek jekk tikkonfermali l-ftehim tal-Komunità Ewropea dwar din l-applikazzjoni provviżorja.”

Għandni l-unur nikkonfermalek il-qbil tal-Komunità Ewropea dwar din l-applikazzjoni provviżorja.

Dejjem tiegħek.

F'isem il-Komunità Ewropea